MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2004

Numru. 223/2002

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Mercieca)
vs
Paul Micallef u Mary Helen sive Marlene Micallef

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra z-zewg imputati fuq imsemmija, li permezz taghhom huma gew akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer, bejn it-22 ta' Settembru, 1993 u l-15 ta' Awissu, 1997, bhala inkwirenti tal-fond internament immarkat nru. 9, New York Apartments, Qawra Road, Qawra, b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b'rizuluzzjoni wahda, b'mezzi qarrieqa li bihom wiehed seta' kellu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' kurrent elettriku, ikkommettew serq ta' kwantita ta' eletrriku li jammonta ghal mnitejn u tnejn u erbghin lira Maltin u wiehed u sittin centezmu (LM242.61), liema serq

huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u ammont ghad-detriment tal-Korporazjzoni EneMalta;
(b) barra minn hekk fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharqu hwejjeg haddiehor, cioe' meter tad-dawl, mobbli jew immobbli, liema hsara ma teccedix l-ghaxar liri, ghad-detriment tal-Korporazzjoni EneMalta;

Il-Qorti giet mitluba li tapplika ukoll l-Artikolu 533(1) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputati fuq imsemmija iwiegbu illi ma kellhomx oggezzjoni illi l-kaz taghhom jigi trattat u deciz bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat il-provi li tressqu, d-dokumenti esebiti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat illi irrizulta mill-provi prodotti illi kien sar rapport lill-Korporazzjoni EneMalta u kien b’hekk illi n-nies ta’ l-EneMalta marru fuq il-post in kwistjoni.  Fil-fond ma kienx hemm dawl u l-impjegati ta’ l-EneMalta sabu li s-“supply” tad-dawl ghall-meter kienet giet maqlugha minn xi hadd u l-meter kien gie imbaghbas.  B’hekk xehed is-Sur Decelis dana kien kaz daqsxejn differenti minn tas-soltu.  Kienet saret ukoll inkjesta Magisterjali.

Illi irrizulta wkoll mix-xhieda li ta’ PS 1113 Emanuel Aquilina illi l-imputat Paul Micallef kien mar l-ghassa tal-pulizija u kien irrapporta illi xi hadd kien qataghlu d-dawl fl-appartament tieghu il-Qawra.  Giet esebita l-okkorrenza relattiva ghal dan l-incident.

Illi dwar dan l-incident l-imputata xehdet waqt l-inkjesta magisterjali u qalet illi dakinhar kienet ittawwlet mit-tieqa ta’ l-appartament u rat lil sid l-appartament David Fenech hiereg mill-appartament.  David Fenech, mitkellem mill-pulizija, cahad l-incident kollu.

Illi irrizulta illi l-imputati ghandhom diversi kawzi pendenti ma sid l-appartament David Fenech u irrizulta wkoll illi l-meter tad-dawl in kwistjoni ghadu registrat f'isem l-imsemmi David Fenech u mhux f'isem l-imputati.

Illi irrizulta wkoll mix-xhieda illi ta l-espert tekniku mahtur mill-Magistrat Inkwirenti William Cassar Torreggiani illi l-meter tad-dawl fil-fond in kwistjoni jinsab fil-partijiet komuni tal-blokk ta' appartamenti in kwistjoni u mhux fir-residenza tal-imputati.

Illi l-imputata xehdet f'dawn l-atti u qalet illi kien hemm diversi okkazzjonijiet fejn kien inqataghlhom id-dawl fil-flat mikri lilhom. Hija xehdet ukoll illi hemm diversi kawzi pendenti bejnietha u r-ragel taghha u s-Sur Fenech, is-sid tal-flat fejn huma jirrisjedu, u xehdet ukoll illi l-meter tad-dawl in kwistjoni kien f'armarju fil-parti komuni tal-flat isfel, l-armarju jissakkar bic-cavetta u c-cavetta hija imdendla mal-hajt permezz ta' musmar u ghalhekk hija accessibbli ghal kullhadd. Hija cahdet illi qatt baghbset mal-meter tad-dawl in kwistjoni.

Illi l-Qorti tara illi l-imputati irnexxielhom jeghlbu l-presunzjoni illi l-Ligi timponi kontra taghhom f'kazijiet simili u dana peress illi l-meter tad-dawl in kwistjoni ma kienx accessibbli ghalihom biss, izda ghal kwalunkwe persuna li setghet facilment taqbad ic-cavetta, tiftah l-armarju fejn kien hemm il-meter tad-dawl in kwistjoni u tbaghbas l-istess meter tad-dawl. Irrizulta wkoll illi l-imputati fuq imsemmija ghandhom diversi problemi u anke kawzi civili pendenti mal-proprjetarju tal-fond mikri lilhom. Ghaldaqstant il-Qorti tara illi l-Prosekuzzjoni ma irnexxilhiex tipprova l-akkuzi odjerni kontra l-imputati fuq imsemmija sal-grad rikjest mill-Ligi u ghaldaqstant filwaqt illi qeghda tiddikjara lill-istess imputati mhux hatja ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom qeghda tilliberahom minn kull imputazzjoni htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------